# Bidu Mitmum

Roxette Caruana

F'Mejju tal-1986 waslet it-tieni tarbija għall-familja Apap. Is-Sinjur Apap kien jitpaxxa jħares lejn din it-tarbijia ġdida, innoċenti, għajnejha jleqqu bħal djamant li joħloq qawsalla żgħira bħala rigal ċkejken għal min ikun qed josservahom. Għalhekk, il-ġenituri ma setgħux ma jsemmux lil din it-tarbija Fleur, fjura li għadha kemm fetħet biex tagħti merħba lir-rebbiegħa.

Kienet l-għaxqa ta' kulħadd. Kull filgħodu kienu jgħaddu s'għand il-familja Apap bosta nies. Kienu jistqarru li titwila lejn din it-tifla kienet tibdielhom il-ġurnata bi tbissima u kuntentizza. Kelma komuni f'ħalq dawn in-nies kienet tkun "L-emozzjoni li nħoss meta nħares lejn din it-tifla hija indeskrivibbli."

Din l-hena ma tantx damet tirrenja fid-dar. Meta kellha biss tmien snin, ommha u missierha kienu involuti f'inċident bil-karozza fejn it-tnejn li huma tilfu ħajjithom fuq il-post. Minn dakinhar intfiet it-tbissima fuq fomm Fleur u r-rifless f'għajnejha sar imċajpar u mżelleġ, mgħerreq fid-dmugħ kontinwu nieżel jiġri fuq xufftejha mbikkmin. F'għajnejha ħarsa profonda, fil-bogħod. Ħarsa ta' persuna mbeżżgħa, mingħajr futur, mingħajr ħolm u aspettattivi. Persuna li ma jifdlilha x'titlef jew x'tirbaħ xejn, qiegħda biss teżisti u tistenna bil-ħerqa li jasal żmienha biex tmur tingħaqad mal-eroj tagħha. Tifla ta' tmien snin tidher li għandha ħdax-il sena. Xena xokkanti ta' tifla li mhux talli tilfet l-innoċenza tagħha imma diġà daqet ħafna minn dak li toffri ħajjet il-bniedem. Aspetti tal-ħajja li jikkondizzjonawlu ħajtu.

Il-familja tagħha ma kinitx waħda kbira. Missierha kien tifel waħdu u ommha kellha oħtha waħda li ilha ma tisma' b'aħbarha mhux ħażin, u l-ġenituri tagħhom kienu ħallew din id-dinja qabel Fleur twieldet. Anzi, biex inkun iktar preċiża, missier is-Sinjura Apap kien marad serjament u miet erbatax-il ġurnata biss wara t-twelid tagħha. Madanakollu, xorta kien qisu li kien indifen ħafna qabel għaliex il-marda li kellu tant kienet daħlet fil-fond, li moħħu kien għeja ħafna, u kienet qed tgħejxu biss qalbu u xi magni. Għaldaqstant, l-unika persuna li setgħet tgħinha daqsxejn mill-ftit kuraġġ li kien jifdlilha hi wkoll, kienet oħtha li dak iż-żmien kellha sittax-il sena.

Wara din it-traġedja ma ntmess l-ebda oġġett, żgħir jew kbir, li kien jappartjeni għall-ġenituri taż-żewġt ibniet. Saħansitra sa sentejn wara dan l-episodju ikrah kien għad hemm il-pettne tas-Sinjura Apap fuq is-sink tal-kamra tal-banju, b'xi xagħar magħqud mas-snin, kif ukoll in-nuċċali tax-xemx tas-Sinjur fuq il-mejda tal-kċina, eżatt fil-post fejn kien lestieh qabel ma ħareġ biex ma jinsiehx, imma kellu destin ieħor! Mill-affarijiet kollha tal-ġenituri, l-iktar ħaġa li kienet taffaxxina lil Fleur hi u tikber, kienet pittura li kien hemm fl-intrata b'veduta f'għalqa mimlija *sunflowers*, kollha jħarsu 'l fuq lejn ix-xemx tixgħel f'sema safi. Fl-isfond kien hemm xbieha ħafifa ħafna, (fil-fatt ma kontx tinduna biha mal-ewwel ħarsa lejn l-inkwatru) ta' mara. Forma bla kulur, sempliċement il-linja ta' barra tat-tpinġija, bħallikieku r-riħ kien ingħata figura umana. Eżatt taħt din il-pittura kien hemm važun imdaqqas b'erba' *sunflowers* ġo fih, kollha jħarsu lejn it-tieqa ta' faċċata li minnha tidher ċara x-xemx tielgħa mas-sebħ u tibqa' tittawwal sa tard waranofsinhar, bħallikieku simbolu tal-erba' membri tal-familja kuntenti u flimkien ifittxu dak li jsebbaħhom u jgħaqqadhom dejjem iżjed. Fleur kienet tqatta' sigħat twal tiċċassa lejn dan l-inkwatru, u iktar ma bdiet tikber iktar kienet saret tqatta' ħin quddiemu. Qatt ma setgħet tifhem il-messaġġ tiegħu u wisq iktar x'jagħmlu daqshekk speċjali u xi jqanqal din l-emozzjoni kbira fiha.

Darba fost l-oħrajn waqt li kienet mitlufa fi ħsibijietha, imsaħħra, b'idejha jmellsu ħafif liż-żebgħa fuq it-tila bħallikieku ma tridx tagħmel saħħa kbira ma jmurx b'xi mod tħammeġ jew tqaxxar xi biċċa minn din ix-xena, infetaħ il-bieb ta' barra b'saħħa kbira. Kienet oħtha rrabjata. Aljenata kif kienet, tant inħasdet li daret bis-saħħa u b'idha kif kienet fuq it-tila, ċaqilqitha u kważi qalgħatha minn mal-musmar. Malli l-pittura tħarrket daqsxejn, minn mal-ħajt deher nieżel envelop kemxejn żgħir, id-daqs ta' kartolina żgħira tal-Milied, li waqaf eżatt

ħdejn il-važun bil-fjuri. It-tfajla, li dak iż-żmien kellha madwar erbatax-il sena, inġibdet lura u qalbha kienet se toħroġ minn ġisimha bit-taħbit kbir effett tal-ħasda t'oħtha u issa dan l-envelop li qisu ġie mix-xejn. Oħtha ma tat kas ta' xejn. Mitlufa kif kienet f'dagħdigħa għal xi ħaġa li kif qalet kienet ġratilha fuq ix-xogħol, baqgħet dieħla mgħaġġla f'kamritha. Fleur ma kinitx taf x'ħa taqbad tagħmel. Sabet ruħha f'dilemma kbira x'għandha tagħmel; tgħajjat lil oħtha jew iżżomm kollox għaliha? Tiftaħ l-envelop biex tara x'fih jew terġa' titfgħu fejn kien? U fuq kollox, min kien tefgħu hemm u għaliex?

Ma damitx taħsibha wisq li ma qabditx l-envelop minn fuq it-tavolina u b'delikatezza kbira bdiet tiftħu, toħroġ it-tinja li tagħlqu bil-mod ħafna, għax ma kienx issiġillat. L-ewwel ħaġa li ħarġet malli din ġibdet l-ittra kienet fjura żgħira tal-plastik bħal dawk ta' ġol-važun u bħal dawk impinġija. Minbarra l-ittra, sabet ukoll ritratt kemxejn antik, kulur sepja, t'ommha u missierha, ferħanin, mgħannqin. Jidher li r-ritratt kien ittieħed waqt xi funzjoni familjari, probabbli waqt l-*engagement* jew xi *after party* tat-tieġ.

Kienu t-tnejn libsin pulit, imdawrin bl-iktar nies qrib tagħhom fid-dar tan-nanna Karm. Ma setax jonqos li mal-ewwel ħarsa lejn ir-ritratt infaqgħet tibki kemm tiflaħ, tbus ix-xbihat tal-ġenituri tagħha, u wiċċha mgħaddas bejn idejha tgħidilhom kemm tħobbhom u tistaqsi għalfejn ħallew lilha u lil oħtha warajhom. Meta bdiet terġa' tiġi f'tagħha, nifisha kkalma u għajnejha ntgħasru biżżejjed, fetħet karta oħra li kienet imgeżwra madwar ir-ritratt. Malli fetħitha qisha bdiet tibża' taqraha. Bejn kellha kurżità kbira x'kien hemm miktub, bejn ma tafx kinitx indirizzata lilha, bejn kienx hemm xi ħaġa li riedu jgħidulha ommha u missierha ...

Għażiża Fjura tagħna,

Probabbli malli ssib din l-ittra aħna ma nkunux ħdejk. Inkunu qegħdin nieħdu ħsiebek u ħsieb oħtok mill-bogħod. Inkunu qegħdin narawkom, nitolbu għalikom u ngħinukom fkull saram li ssibu ruħkom fih matul ħajjitkom kollha. Żgur li malli tibdew taqraw dawn il-kelmiet l-ewwel mistoqsija li tiġi fraskom tkun 'Għaliex?'. Għandkom raġun, iżda t-tweġiba ma nafux nagħtuhielkom aħna. Kemm jien u kemm missierek dejjem ħassejna li kienet ħa sseħħ xi ħaġa kerha li tifridna minnkom fi żmien qasir. Għalhekk flimkien iddeċidejna biex niktbulkom din l-ittra u ngħidulkom xi tfissru għalina.

Fleur, minn tarbija int kont tagħmilna famlja vera speċjali li kellna lilek. Quddiem kull par għajnejn konna nidhru l-iktar koppja sinjura li ħaffret ġol-blat fond u sabet l-iktar djamant prezzjuż li qatt kien hawn. Konna l-għira ta' kulħadd u kulħadd kien jitpaxxa jħares lejk. Issa int m'għadekx magħna, jew aħna m'għadniex miegħek. Issa qed tikber, qed issir tfajla, imbagħad mara. S'issa nafu li l-ħajja ma tatekx l-aħjar tagħha, anzi weġġgħatek ħafna, iżda nixtiequ ngħidulek, anke lil oħtok, li aħna għadna hawn magħkom, nieħdu ħsiebkom. Għal kull problema u weġgħa li jkollkom fittxuna għax aħna għadna hawn għalikom, eqreb minn qatt qabel.

Xi ħaġa li forsi int qiegħda tistaqsi hi għaliex l-ittra tfajnieha wara din il-pittura u mhux wara xi inkwatru ieħor. Dan l-inkwatru konna pinġejnieh aħna eżatt kif iżżewwiġna. Il-fjuri tax-xemx miftuħin, iħarsu 'l fuq lejn sema safi jfissru li m'għandkom qatt tħarsu 'l isfel, tħarsu lura lejn dak li ġara, jew twaqqgħu lilkom infuskom. Għandkom dejjem tħarsu 'l fuq u toħolmu li xi darba tilħqu x-xemx – dik il-ħaġa li tagħtikom il-ħajja, li tagħtikom id-dawl u li tiddistingwikom minn fjuri oħrajn. Ix-xbieha ħafifa tal-mara, li ċerti li int, Fleur, indunajt biha, hija dik li aħna nsejħulha 'il-Mara tar-Riħ' li kontinwament tkun għaddejja minn qalb il-fjuri. Dik li kontinwament għaddejja minn ħdejkom, ulied, jiġifieri aħna li qegħdin il-ħin kollu magħkom. Dan kien il-messaġġ ewlieni li fuqu bbażajna ż-żwieġ tagħna, u nista' ngħid li kien ta' suċċess. Għalhekk, nixtiequ li anke intom iżżommu dan il-messaġġ u tagħmluh iċ-ċentru ta' ħajjitkom.

Ħudu ħsieb xulxin. Tinsewx li aħna għadna magħkom. Inħobbukom għal dejjem.

L-għeżież tagħkom,

Ma u Pa

xxxxxxx

**Data: It-Tlieta, 21 ta' Lulju 2009**
**Ħin: 00:52**

Lejla normali, storbju, żgħażagħ, ġenn. Għall-istudenti barranin li jiġu hawn Malta biex jitgħallmu l-Ingliż hija atmosfera li tattirahom l-iktar lejn pajjiżna u żgur li mhux ħa joqogħdu jagħtu kas il-ħin biex imorru jduqu u jkunu parti minn dan l-ambjent ta' Paceville. F'temp ta' kwarta, żewġ żgħażagħ minn dawn, ġuvni

u tfajla, sabu ruħhom fl-ambulanza fi triqthom lejn l-isptar għall-osservazzjoni minħabba r-rogħda li ħakmithom riżultat tal-qatgħa li ħadu meta sabu katavru ta' ġuvni ta' madwar erbgħin sena ddrugat malli daru l-ewwel kantuniera bogħod mil-lukanda fejn kienu joqogħdu.

**Data: It-Tnejn, 20 ta' Lulju 2009**
**Ħin: 19:34**

"Ftit tal-ħin ilu, proprju fis-sitta u tmienja u tletin minuta, instab katavru ta' tfajla f'residenza f'Tas-Sliema. Mill-ewwel rapporti u investigazzjonijiet tal-pulizija jidher ċar li l-vittma kienet b'xi mod mhedda u sabet ruħha f'ċirkustanzi diffiċli li wasslu biex persuna oħra ttemmilha ħajjitha. It-tfajla li nstab li għandha tlieta u għoxrin sena u li jinħtieġ li isimha jibqa' mistur, kienet tgħix waħidha f'dan il-*flat*. Mill-informazzjoni li waslet lill-pulizija jidher li għall-inqas hawn Malta, m'għandha lil ħadd jiġi minnha u għalhekk kien iktar faċli għall-ħati li jagħmel diversi atti vjolenti fuq it-tfajla li mill-marki li nstabu fuq il-ġisem jidher li dan kien isir ta' spiss. Sorsi jistqarru li ta' kuljum kien jintlemaħ dieħel għand it-tfajla ġuvni ta' madwar erbgħin sena, li minn xħin tħabbar dan l-omiċidju ma deher imkien. Sadanittant, il-pulizija qiegħda tkompli bit-tfittxijiet tagħha biex issolvi dan il-każ. Tagħmel appell ukoll biex kull min għandu xi tagħrif fuq dan il-każ jikkuntattja lill-għassa tal-pulizija tal-lokal."

**Data: It-Tlieta, 21 ta' Lulju 2009**
**Ħin: 12:00**

Mal-blokka kollha nstemgħet twerżiqa ta' tfajla li tinfed il-qlub. Il-blokk baħħ. Iż-żewġ flettijiet tat-tieni sular għadhom ma nbigħux, u dawk tal-ewwel sular kienu ta' ġuvni ta' ħamsa u għoxrin sena, dieħel u ħiereġ il-ħabs, u l-ieħor ta' koppja Ingliża li ilhom ma jersqu lejn Malta għal dawn l-aħħar tmien xhur. Fis-sular ta'fuq hemm *flat* wieħed, tat-tfajla, u l-bieb tal-bejt. Xi kwarta qabel, it-tfajla semgħet bħal qisu ħoss ta' bieb jingħalaq, iżda ma tatx kas u baqgħet mitluqa fuq is-sodda, għajnejha kważi magħluqin. Raġel f'sakra ma jarax art baqa' dieħel f'kamritha u b'leħen maħnuq u serju beda jgħid ħafna kliem li ma jagħmilx sens u jgħajtilha. It-tfajla stenbħet u nħasdet bil-kbir. Ħasbet li xi ħadd kien daħal fuqha biex jisraqha jew biex jabbużaha, iżda kif dawret tikka rasha indunat li kien il-*partner* tagħha u bil-ferħ u s-serħan li ma kien ħadd barrani marret tiġri taqbeż

fuqu, u għannqitu. Iżda t-tbissima ta' fuq wiċċha malajr tqarrset, u għajnejha nfetħu beraħ iħarsu ċass fil-vojt. Malli rassitu magħha, ħasset xi ħaġa bil-ponta dieħla fl-istonku tagħha u fi ftit sekondi wiċċ dan ir-raġel t'erbgħin sena beda jitlef il-kulur sakemm ġiet dalma sewda. It-tfajla nxteħtet mal-art bla ħajja. Rasha nstabtet mal-art u qabel, mal-komodina. Mat-tisbita, il-vażun tal-fjuri li issa kien sab ruħu f'dan l-appartament waqa' ħdejn il-ġisem mejjet tat-tfajla u tfarrak f'elf biċċa. Il-fjuri ġew wiċċhom 'l isfel mingħajr ebda sforz biex jippruvaw jittawlu lejn ix-xemx li issa kienet qed tbatti. Tnejn minnhom baqgħu flmkien u waqgħu ħdejn il-ġisem, oħra waqgħet naqra iktar 'il quddiem mit-tnejn ta' qabilha u r-raba' waħda niżlet fuq il-ġisem mejjet. Issa l-ġurnata ntfiet.

**Data: Is-Sibt, 24 ta' Mejju 2008**
**Ħin: 22:00**

"Hi!"

"Hi!"

"Waħdek?"

"Le, qiegħda ma' tnejn minn sħabi. Marru jilħqu jibbukkjaw vann biex ikollna moħħna mistrieħ."

"Diġà sejrin, għadhom l-għaxra?"

"Le, ovvja! U llum iktar għax għandi l-*birthday*!" "Isa! *Happy Birthday*! Kemm għalaqt?"

"*Thanks! Twenty-three.* U int kemm għandek żmien?"

"*Forty*, imma għadni nidher madwar għaxar snin iżgħar hux?"

"Eħe."

"Mela talli llum għandek il-*birthday* u għedtli li nidher iżgħar, kif jiġu sħabek għidilhom jinsew il-vann u llum 'ħabba li hi okkażjoni speċjali nwassalkom jien lura d-dar. Intom m'għandkomx għaġla hux?"

"Vera? Kieku aħjar b'karozza personali għax naslu qabel! *Thank you* mela. Kif jiġu ngħidilhom, sakemm ma jsibux xi *lift* ieħor dawk għax ma tantx jaħsbuha wkoll!"

"Nista' nibqa' magħkom għal-lejla? Ili ma noħroġ ma' *birthday girl* speċjali."

"Iva mela, mhux xorta. *The more the merrier*!"

"X'jismek?"

"Fleur Apap."